

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8903/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0104 (NLE)**

**FISC 164
ECOFIN 578
ENER 223**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 189 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-lżvezja tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 189 final.

Mehmuż: COM(2026) 189 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.5.2026
COM(2026) 189 final

2026/0104 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-Unjoni, it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku hija regolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹ (id-“Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija” jew id-“Direttiva”).

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Marzu 2026, l-awtoritajiet Żvediżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex japplikaw tnaqqis temporanju tar-rati tat-taxxa nazzjonali għaż-żejt tal-gass u għall-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, li jmorru taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 7 fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva. It-tnaqqis mitlub huwa ta' 2,4 SEK² għal kull litru kemm għaż-żejt tal-gass kif ukoll għall-petrol bla ċomb u t-tnaqqis jiġi applikat għall-komponent tas-CO2 tat-taxxa.

Il-perjodu ta' validità mitlub huwa għal perjodu ta' 5 xhur li jibda malli d-deċiżjoni tiġi adottata mill-Kunsill, li huwa fil-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Skont l-awtoritajiet Żvediżi, l-għan tal-miżura huwa li tnaqqas il-prezzijiet bl-imnut għoljin taż-żejt tal-gass u tal-petrol fil-pajjiż, li jirriżultaw mill-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, u li jaffettwaw direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew enfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija tibqa' l-aktar strateġija effettiva biex tinkiseb l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, tissaħħaħ ir-reżiljenza, jitnaqqsu strutturalment il-prezzijiet tal-enerġija, u tiġi pprovduta l-enerġija nadifa, abbondanti, u prodotta lokalment meħtieġa biex tixpruna l-ekonomija tal-futur.

Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li huma meħtieġa soluzzjonijiet immirati fuq terminu qasir biex tiġi żgurata enerġija bi prezzijiet raġonevoli, filwaqt li jitqiesu n-newtralità teknoloġika u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, l-esponiment partikolari ta' ċerti setturi industrijali għar-riskju ta' rilokazzjoni, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għal setturi innovattivi intensivi fl-enerġija, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà u l-kundizzjonijiet ekwi.

Għal dan il-fini, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta minnufih sett ta' għodod ta' miżuri temporanji mmirati biex jindirizzaw iż-żidiet qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili importati li jirriżultaw mill-kriżi fil-Lvant Nofsani. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jipprovdu gwida politika min-naħa tal-Istati Membri u

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51–70.

² Dan huwa ugwali għal EUR 0,217 għal kull litru abbażi tar-rata tal-kambju uffiċjali fl-1 ta' Ottubru 2025 (EUR 1 = 11,035 SEK)

jikkostitwixxu mandat politiku biex jiġu adottati miżuri fiskali li jippermettu l-flessibbiltajiet mitlubin. Dawn il-Konklużjonijiet jippromwovu b'mod ċar l-użu sħiħ tad-derogi u l-flessibbiltajiet previsti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, inkluż l-adozzjoni ta' rati mnaqqsa temporanji, marbutin bir-reqqa maċ-ċirkostanzi straordinarji u mal-objettivi tal-affordabbiltà tal-enerġija.

L-objettivi ta' tali miżuri jkunu li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet immirati u temporanji biex jindirizzaw l-impatt negattiv tal-kriżijiet attwali tal-enerġija fuq il-prezzijiet. Dawn huma meħtiġin fuq terminu qasir biex tiġi żgurata enerġija bi prezzijiet raġonevoli, filwaqt li jitqiesu n-newtralità teknoloġika u s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri, l-esponiment partikolari ta' ċerti setturi industrijali għar-riskju ta' rilokazzjoni, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet għal setturi innovattivi intensivi fl-enerġija, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà u l-kundizzjonijiet ekwi.

Minn mindu faqqa' l-kunflitt u bit-tfixkil li kkawża fl-Istrett ta' Hormuz, il-prezz taż-żejt (Brent) żdied minn madwar EUR 60 il-barmil għal aktar minn EUR 90 il-barmil³. Wara din iż-żieda fil-prezz, il-prezzijiet medji tal-fjuwil fl-Iżvezja ġew irreġistrati kif ġej⁴:

	Petrol (Super 95)	Żejt tal-gass
30/03/26	€ 1,71	€ 2,15
23/03/26	€ 1,77	€ 2,24
16/03/26	€ 1,65	€ 1,99
09/03/26	€ 1,51	€ 1,78
02/03/26	€ 1,44	€ 1,58
23/02/26	€ 1,43	€ 1,57
16/02/26	€ 1,42	€ 1,53

Meta wieħed iħares lejn l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-enerġija taż-żejt fil-perjodu ta' din id-deroga, il-prezzijiet huma mistennija li jkomplu jogħlew. Wara dan, l-aspettattivi jiddependu ħafna fuq kemm idumu l-kunflitt fil-Lvant Nofsani u t-tfixkil fl-Istrett ta' Hormuz.

Il-prezzijiet taż-żejt huma mistennija jibqgħu għoljin waqt li jibqgħu għaddejnin il-kunflitt u t-tfixkil fl-Istrett ta' Hormuz. Il-prezzijiet tal-fjuwil isegwu d-dinamika tal-prezz taż-żejt mhux maħdum b'dewmien ta' ġimgħa jew tnejn, bid-distinzjoni li l-prezzijiet tal-petrol għandhom it-tendenza li jirreaġixxu inqas direttament għall-prezzijiet taż-żejt, filwaqt li d-diżil u l-fjuwil tal-ġettijiet li l-UE qed timporta għandhom it-tendenza li jkunu aktar volatili mill-prezzijiet taż-żejt mhux maħdum.

In-natura globali tal-prezzijiet taż-żejt u l-influwenza limitata li l-Istati Membri għandhom fuq daww il-prezzijiet, jagħmlu minn din il-kriżi waħda eżoġena. L-Istati Membri kollha tal-UE se jkunu soġġetti għal prezzijiet globali simili għall-prodotti tal-enerġija. Madankollu, il-kapaċità li wieħed ilaħħaq maż-żidiet fil-prezzijiet se tvarja b'mod sinifikanti, pereżempju skont l-introjtu, il-mod tat-trasport, is-sors tat-tiżhin, u l-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjoni. Dan se jagħmel l-effetti taż-żidiet fil-prezzijiet asimetriċi. Barra minn hekk, l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx għandhom it-tendenza li jonfqu parti akbar mill-introjtu

³ DĠ ENER, Weekly oil bulletin, 2 ta' April 2026, https://energy.ec.europa.eu/data-and-analysis/weekly-oil-bulletin_en?prefLang=mt

⁴ DĠ ENER, Weekly oil bulletin, 2 ta' April 2026, https://energy.ec.europa.eu/data-and-analysis/weekly-oil-bulletin_en?prefLang=mt.

tagħhom fuq il-konsum, minflok fuq l-investimenti jew it-tfaddil. Dan jagħmel iż-żidiet fil-prezzijiet tal-konsum aktar ta' impatt għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva huwa kif ġej:

“Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.”

Permezz tat-tnaqqis fit-taxxa inkwistjoni, l-awtoritajiet Żvediżi beħsiebhom itaffu l-prezzijiet bl-immut għoljin tal-fjuwils tat-trasport, taż-żejt tal-gass, u tal-petrol ikkawżati mill-kunflitt fil-Lvant Nofsani u fl-aħħar mill-aħħar ikollhom il-mira li jnaqqsu l-impatti soċjali u ekonomiċi tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali li taffettwa kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

Dan it-tnaqqis fit-taxxa jwassal għal sitwazzjoni fejn il-benefiċjarji jintalbu jħallsu rati nazzjonali, li jistgħu jkunu iktar baxxi mir-rati minimi tat-taxxa tal-UE skont id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, u huwa għalhekk li qed tiġi diskussa l-awtorizzazzjoni. Dan jista' jikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' politika ddikjarati.

Il-possibbiltà li jiġi introdott tali tnaqqis fit-taxxa tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-iskop tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu eżenzjonijiet jew aktar tnaqqis għal kunsiderazzjonijiet politiki speċifiċi.

Il-perjodu limitat tal-validità tal-awtorizzazzjoni ta' 5 xhur wara li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tidħol fis-seħħ, huwa fil-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, bil-possibbiltà ta' tiġdid.

Fl-aħħar nett, it-tnaqqis fit-taxxa mhuwiex kumulattiv ma' xi tip ieħor ta' tnaqqis fit-taxxa.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, jidher xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mitlub.

Fl-istess ħin, tnaqqis mhux immirat fit-taxxa jimplika kostijiet fiskali sinifikanti u għandu t-tendenza li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggrava l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, il-miżura għandha tibqa' strettament limitata fiż-żmien u l-impatt mistenni tagħha fuq id-domanda għall-fjuwils fossili kif ukoll il-kost fiskali tagħha għandhom jiġu vvalutati. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jittieħdu miżuri ta' kumpens.

Regoli dwar l-għajjnuna mill-istat

It-tnaqqis temporanju fit-taxxa mitlub mill-awtoritajiet Żvediżi se jinżel taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-fjuwils tat-trasport kif stabbilit fl-Artikolu 7 u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva b'2,4 SEK għal kull litru.

Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni tal-miżura Żvediża skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ma tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Kull abbozz ta' deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija jrid jiġi eżaminat mill-Kummissjoni filwaqt li jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta, u l-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Skont l-awtoritajiet Żvediżi, it-tnaqqis fit-taxxa previst għandu jtaffi parzjalment il-piż soċjali u ekonomiku tal-popolazzjoni Żvediża kaġun taż-żieda reċenti fil-prezz tal-fjuwils tat-trasport li tirriżulta wkoll mill-kunflitt fl-Iran u mit-tfixkil fl-Istrett ta' Hormuz.

Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, din il-miżura temporanja x'aktarx li ma taffettwax il-kummerċ intra-UE. Kollox ma' kollox, il-miżura tidher aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-effetti limitati u d-durata limitata tagħha, il-miżura la għandha xxekkel il-kompetizzjoni u lanqas għandha tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

Politika ambjentali u klimatika

L-Unjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ favur l-oġġettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija, kif iddikjarat fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima (ir-Regolament 2021/1119). It-tnaqqis temporanju fit-taxxa permess minn dan l-att ma għandux iwassal għal dgħufija strutturali tas-sinjali tal-prezzijiet li jinkoraġġixxu l-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Politika dwar l-enerġija

Minħabba l-iskala taż-żieda qawwija attwali fil-prezzijiet tal-enerġija li tirriżulta mis-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, l-Istati Membri jirrikjedu kapacià li jnaqqsu temporanjament ir-rati tas-sisa taħt ir-rati minimi tal-UE għal prodotti mhux koperti mid-dispożizzjoni ta' hawn fuq.

Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali marbutin mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezz tas-suq eċċezjonalment għoli tal-prodotti tal-enerġija, il-kapacià li jitnaqqsu r-rati tas-sisa taħt ir-rati minimi stabbiliti skont id-Direttiva 2003/96/KE hija meqjusa adegwata u proporzjonata għall-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-oġġettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-UE mal-imperattiv ta' emerġenza biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

Politika tas-suq intern u kompetizzjoni ġusta

Bħala riżultat tas-sitwazzjoni eċċezzjonali, din il-miżura temporanja x'aktarx li ma taffettwax il-kummerċ intra-UE. Kollox ma' kollox, il-miżura tidher aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-effetti limitati u d-durata limitata tagħha, il-miżura la għandha xxekkel il-kompetizzjoni u lanqas għandha tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

Politika soċjali

Iż-żieda osservata u mistennija fil-kost tal-enerġija madwar l-Unjoni għandha impatt sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx minħabba li l-kostijiet tal-enerġija

ġeneralment jikkostitwixxu sehem akbar mill-baġits tagħhom⁵. Għalhekk, it-tnaqqis fid-dazji tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija jista' jkollu impatt soċjali pożittiv billi jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lill-Istati Membri jintroduċu aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju tas-sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. F'kull każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, ma għandux jiġi trażmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

• Proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis fit-taxxa ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv inkwistjoni.

L-awtorizzazzjoni hija għal perjodu ta' żmien limitat ħafna, jiġifieri għal 5 xhur, u f'kuntest ta' kriżi tal-enerġija.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-miżura ma tirrikjedix l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Din il-proposta hija bbażata fuq talba tal-Iżvezja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

• Ġbir u użu tal-għarfien espert

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

⁵ [Economic and distributional effects of higher energy prices on households in the EU - Employment, Social Affairs and Inclusion](#)

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma tirrikjedix valutazzjoni tal-impatt. F'konformità mar-regoli għal regolamentazzjoni aħjar, dawn it-tipi ta' atti mhumiex soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt, min-natura tagħhom.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tipprevedix simplifikazzjoni. Dan hu r-riżultat ta' talba li għamlet l-Iżvezja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma tinvolvi ebda piż finanzjarju jew amministrattiv għall-Unjoni. Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma huwa meħtieġ l-ebda pjan ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa, li hija prevista għal perjodu ta' żmien limitat ħafna. Ir-rati tat-taxxa applikabbli jistgħu jaqgħu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ ta' proposta biex tiġi estiża l-validità ta' din id-Deċiżjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-Iżvezja se titħalla tapplika rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata għal 5 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni, kif mitlub mill-Iżvezja, fi ħdan il-perjodu massimu ta' 6 snin permess mid-Direttiva.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-ġimgħat ta' qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ġew osservati żidiet qawwijin u persistenti fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija madwar l-Unjoni, ikkawżati mill-iżviluppi ġeopolitiċi fil-Lvant Nofsani, li kellhom impatt fuq il-ktajjen tal-provvista taż-żejt u tal-prodotti taż-żejt globalment. Dawn l-iżviluppi kellhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli, u fuq l-impriżi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'hekk ħolqu riskju serju għall-koeżjoni soċjali, l-istabbiltà ekonomika, u l-funzjonament xieraq tas-suq intern.
- (2) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026², il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa n-natura straordinarja tas-sitwazzjoni tas-suq tal-enerġija u l-implikazzjonijiet makroekonomiċi tagħha. Il-Konklużjonijiet stiednu lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli fil-qafas legali tal-Unjoni, inklużi miżuri fiskali, sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi tax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija li jirriżulta mill-kriżi fil-Lvant Nofsani, u sottomlinjaw b'mod partikolari l-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-qrib tar-reazzjonijiet nazzjonali sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni, jiġu evitati distorsjonijiet dannużi tal-kompetizzjoni, u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.
- (3) Id-dazji tas-sisa kif stabbiliti bid-Direttiva 2003/96/KE jikkontribwixxu għall-kost finali tal-prodotti tal-enerġija fornuti fl-Unjoni. Tnaqqis fid-dazji tas-sisa li jkun taħt ir-rati minimi jista' jtaffi xi wħud miż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija li bħalissa qed jesperjenzaw l-Istati Membri.
- (4) Il-flessibbiltajiet ipprovduti mid-Direttiva 2003/96/KE jippermettu lill-Istati Membri, f'limiti definiti, inaqqsu l-piż tat-taxxa fuq prodotti speċifiċi tal-enerġija b'mod immirat u temporanju. Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali u urġenti tas-sitwazzjoni

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj>.

² <https://www.consilium.europa.eu/media/lwhk3itd/en-20260319-european-council-conclusions.pdf>

attwali, huwa meħtieġ li jiġu previsti flessibbiltajiet speċifiċi u limitati fiż-żmien immirati b'mod espliċitu biex itaffu l-impatt tax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.

- (5) Tnaqqis temporanju fit-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija mmirati jista' jagħti għajnuma rapida lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi billi jnaqqas direttament il-prezzijiet tal-utent finali. Fis-sitwazzjoni attwali, tali tnaqqis straordinarju huwa strument xieraq u meħtieġ biex jiġi indirizzat it-tfixkil serju fl-ekonomija li jirriżulta mix-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (6) Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Marzu 2026, l-awtoritajiet Żvediżi talbu awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, biex japplikaw rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, li jaqgħu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils tal-karozzi msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva b'2,4 SEK għal kull litru ta' fjuwil. L-awtorizzazzjoni ntabet għal perjodu ta' 5 xhur.
- (7) Skont l-awtoritajiet Żvediżi, l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għandha l-għan li tnaqqas l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-prezzijiet bl-imnut għoljin tal-petrol u tad-diżil li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika u li taffettwa direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.
- (8) L-awtorizzazzjoni mitluba aktarx mhux se twassal għal distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezz tas-suq taż-żejt eċċezzjonalment għoli, id-deroga mitluba nstabt li hija adegwata u proporzjonata meta titqies il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-oġettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, u l-imperattiv ta' emerġenza biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Iżvezja tiġi awtorizzata tapplika temporanjament rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa taħt il-livelli minimi tal-Unjoni għaż-żejt tal-gass u għall-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi.
- (10) Fl-istess ħin, tnaqqis mhux immirat fit-taxxa jimplika kostijiet fiskali sinifikanti u għandu t-tendenza li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggrava l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, il-miżura għandha tibqa' strettament limitata fiż-żmien u l-impatt mistenni tagħha fuq id-domanda għall-fjuwils fossili kif ukoll il-kost fiskali tagħha għandhom jiġu vvalutati. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jittieħdu miżuri ta' kumpens.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Iżvezja hija awtorizzata tapplika tnaqqis ta' 2,4 SEK għal kull litru għar-rati minimi tad-dazju tas-sisa msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għaż-żejt tal-gass u għall-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi.

Artikolu 2

Dan għandu jiskadi [5 xhur wara l-jum tan-notifika].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*